MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 218/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Vella talli fid-29 ta' Mejju 2007 ghall-habta tal-15.30 hrs gewa Triq Dun Raymond Ellul, Qrendi:

(1) Hebb ghall-mara tieghu Sonia Vella u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Daniela Diacono M.D. tal-Isptar San Luqa ;

(2) Kiser il-paci u l-bon ordni pubbliku b'ghajjat, glied u storbju ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 338(dd) u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Vella hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ai termini ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Vella pprezentat fis-7 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi ;

Semghet ix-xhieda mill-gdid ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress illi huwa agixxa biex jiddefendi ruhu; (2) minghajr pregudizzju, f'kaz li kien l-appellant li aggredixxa lil Sonia Vella, dan ghamlu ghax (a) ecceda l-limiti tal-legittima difesa tieghu; jew (b) kien ipprovokat; jew (c) agixxa taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fihom, waqt l-att, ma setax iqis il-konsegwenzi ta' ghemilu; (3) minghajr pregudizzju, it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax stante li jekk sehh l-incident, dan sehh gewwa u mhux fil-pubbliku; (4) minghajr pregudizzju, is-sanzjoni nflitta hija wahda eccessiva u jezistu cirkostanzi li ghandhom jattiraw temperament fil-piena.

Il-provi f'dan il-kaz jikkonsistu fl-affidavit ta' P.S. 1448 Victor Buttigieg, l-affidavit tat-tabiba Dr. Daniela Diacono u

c-certifikat mediku rilaxxjat minnha, ix-xiehda ta’ Sonia Vella u dik ta’ l-appellant.

L-incident in kwistjoni huwa incident li qam bejn koppja mizzewga izda separata meta Sonia Vella, mart l-appellant, marret id-dar ta’ l-appellant biex tiehu lit-tfal jaraw lil missierha u dan wara li kienet ftehmet hekk ma’ l-appellant. Skond Sonia Vella, meta waslet zewgha ma kienx id-dar u t-tifla ma riditx tifthilha; ghalhekk qaghdet tistenna barra. Wasal ir-ragel u x’hin fetah il-bieb u raha beda jghajjat meta kien ghadu fit-triq u qallha biex ma tidholx. Hi xorta dahlet id-dar ta’ l-appellant. Beda jiggieled maghha u taha “wahda *straight* go mniehri, go ghajni”. Hargilha d-demm, hu ggennen, tefaghlha l-ilma, qabdet il-borma u mbuttatha b’idejha, kien ha jitfaghlha l-*lux* tal-platti, qallha biex tahsillu l-art mid-demm u telaq lejn l-ghassa taz-Zurrieq biex jaghmel rapport. Hi marret l-ghassa wkoll u marret l-Isptar San Luqa u rrilaxjatilha certifikat Dr. Daniela Diacono. B’referenza ghall-offizi elenkati fic-certifikat, Sonia Vella qalet li zewgha bl-addocc jaqbad jaghti. In kontro-ezami cahdet li waqqghet jew ippruvat tkisser xi affarijiet fil-kcina.

L-appellant ikkonferma li martu kienet cemplitlu biex tiehu lit-tfal u hu accetta. It-tifel iz-zghir talabha biex sas-sitta tilhaq tiehdu lura ghax kellu l-prova ta’ l-ewwel tqarbina. Hi bdiet tghajjat mieghu u qallha biex tiehu lit-tnejn l-ohra biss mela. Fetah il-bieb tad-dar biex jidhol, qallha biex ma tidholx izda hi mbuttatu bil-bieb b’kollox u baqghet diehla fil-kcina fejn bdiet twaddab l-imbarazz ma’ l-art u anke qalghetlu l-cooker minn postu. X’hin qabdet il-griglioso mbuttaha. Dwar l-offizi li hemm fic-certifikat mediku, qal dwar il-brix fuq spallitha li forsi girifha xi habib taghha, dwar daqqa fuq rasha u tbengila fuq koxxitha tax-xellug qal li tbengila forsi kienet ilha hemmhekk u jista’ jkun li meta mbuttaha habtet mal-cooker. In kontro-ezami mistoqsi xi gralha meta mbuttaha wiegeb li jaf li laqtet xi naqra mnehirha u hareg id-demm. Forsi habtet mal-hajt ghax il-kcina zghira.

Skond ic-certifikat mediku li sar wara li Sonia Vella giet ezaminata fis-6.00 p.m. tad-29 ta’ Mejju 2007, jigifieri

saghtejn u nofs biss wara l-incident, hija kellha *"minor head injury, scratch marks over left shoulder, haematoma outer aspect of left thigh"*. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju minn kif xehed l-appellant li dawn l-offizi gew kagunati minnu. U gew ikkagunati minn aktar milli semplici mbutattura. Mill-banda l-ohra Sonia Vella ammettiet li qabdet u dahlet fir-residenza ta' zewgha nonostante illi kien qallha biex ma tidholx. Temmen ukoll illi dahlet b'certa rabja minhabba d-dispjacir li kellha li seta' kien hemm riluttanza da parti tat-tfal li jmorru maghha. Pero` ma tqisx verosimili li hija aggrediet lill-appellant b'mod li kellu ghalfejn jiddefendi ruhu. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti temmen li kien hemm element ta' provokazzjoni fl-atteggjament ta' Sonia Vella, pero` mhux tali li kien jiggustifika jew jiskuza lill-appellant li jerfa' idejh fuqha. Xorta pero` hemm lok ta' temperament fil-piena.

Kwantu ghat-tielet aggravju li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, jidher li l-incident in kwistjoni sehh gewwa d-dar ta' l-appellant u ghalhekk ma setax jinstab hati ta' dik l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn u minflok tikkundannah ghal perijodu ta' prigunerija ta' xahar u nofs b'dan li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-ordni ta' supervizjoni maghmul mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri wkoll millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tordna notifika ta' din is-sentenza flimkien ma' l-ordni ta'

supervizjoni li tinsab a fol. 16 u 17 għall-informazzjoni ta' l-Uffiċjal Prinċipali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------